**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Avv. Dr Christopher Chircop**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 3 ta' Ottubru 2024**

Talba Numru: 272/2020/1 CC

**Noel Spiteri [KI 513361 (M)]**

**Denise Spiteri [KI 543065 (M)]**

**Vs**

**Marcus Mercieca [KI 0136079 (M)]**

**Carla Mercieca [KI 0551680 (M)]**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-11 ta' Novembru 2020, fejn l-atturi talbu li dan it-Tribunal jordna u jikkundanna lil konvenuti li jħallsu l-ammont ta' elfejn, ħames mija u wieħed u għoxrin ewro (€2,521) rappreżentanti danni sofferti minr-rikorrenti u dana kawża tax-xogħlijiet li saru mill-konvenuti jew minn persuni mqabbda minnhom kif ukoll spejjeż oħra peritali inkorsi mir-rikorrenti, minn issa inġunti in subizzjoni.

L-Atturi talbu wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u l-imgħax legali fuq l-imsemmi ammont mid-data tal-istess ittra uffiċjali sad-data tal-pagament effettiv u liema spejjez għandhom jinkludu wkoll dawk tal-ittra uffiċjali interpellatorja datata 19 ta' Ġunju 2020 fil-konfront tal-istess konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenuti preżentata fid-9 ta' Frar 2021 fejn sostnew:

1. Illi t-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;
2. Illi l-konvenuti dejjem qalu lill-atturi li jekk kien hemm danni kawżati minnhom, huma kienu lesti jħallsuhom, imma l-atturi esaġeraw it-talba tagħhom u baqgħu qatt ma aċċettaw li jieħdu biss dak li tassew seta' kien dovut – huma nefħu l-kont b'mod eżaġerat u ivvintaw danni li ma jeżistux;
3. Illi l-atturi żiedu danni li żgur li ma ġewx kkawżati mill-konvenuti;
4. Illi l-atturi vvintaw xogħlijiet li ma sarux jew li ma kienx hemm bżonnhom u wkoll eżaġeraw il-valur tax-xogħlijiet li ma sarux jew li ma kienx hemm bżonnhom u ukoll eżaġeraw il-valur tax-xogħlijiet li allegaw li għamlu – għalhekk huma wkoll naqsu mill-obbligu tagħhom li jimminiżżaw id-danni;
5. Illi bħala eżempju l-atturi saħansitra żiedu spiża ta' tumble dryer meta ċertament il-konvenuti ma wettqu ebda ħsarat f'xi tumble dryer, bix-xogħlijiet li wettqu l-konvenuti-qatt ma setgħu kissru tumble dryer tal-atturi;
6. Illi hija l-liġi li kull min jissubixxi danni huwa obbligat li jimminimiżża d-danni sofferti – l-atturi għamlu l-kuntrarju;
7. Illi minn mindu l-konvenuti marru jgħixu l-fond fuq l-atturi, l-istess atturi għamlulhom ħajjithom miżerja b'rapporti inutli b'vessazzjoni kontinwa – din il-kawża hija kontinwazzjoni ta' tali vessazzjoni;
8. Illi l-konvenuta talbet kemm il-darba biex tibgħat lil min inaddaf il-ftit li seta waqa' waqt xogħlijiet imma l-attriċi ma riditx u minflok bagħtet kontijiet esaġerati ta' tindif biex tittenta tagħmel kapital minn fuq il-konvenuti;
9. Illi l-konvenuti mhux biss qed jikkontestaw ir-responsabbilita' tad-danni reklamati imma ukoll qed jikkontestaw il-kwantum ta' kull wieħed mill-items imsemmija mill-atturi;
10. Illi intant l-atturi ma ħallewx lill-ħaddiema tal-konvenuti jaħdmu biex jekk hemm kawżi ta' danni, dawn jitneħħew;

11. Illi għalhekk, it-talbiet fil-konfront tal-konvenuti għandhom jiġu miċħuda;

Bl-ispejjez.

Ra is-sentenza mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fit-3 ta' Ottubru 2022.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-15 ta' Settembru 2023 fejn laqgħet parzjament l-appell u ħassret, irrevokat u kkanċellat is-sentenza mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fit-3 ta' Ottubru 2022, b'dana illi bagħtet l-atti lura lil dan it-Tribunal sabiex jiddeċiedi t-talbiet tal-atturi fil-mertu.

Ra li fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2024, il-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jressqu u ddikjaraw il-provi bħala magħluqa u t-talba tħalliet għat-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ra li fis-seduta tat-8 ta' April 2024, il-partijiet talbu lit-Tribunal sabiex il-partijiet ikollhom il-fakulta' li jissottomettu nota ta' sottomissjonijiet minflok trattazzjoni finali liema talba ġiet milqugħa mit-Tribunal.

Ra x-xhieda.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji kollha.

Ra l-atti proċesswali kollha.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti preżentata fl-10 ta' Ġunju 2024.

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi in sostenn tat-talba tagħhom kontra l-konvenut, l-atturi ressqu is-segwenti provi:

1. **L-attur Noel Spiteri** fix-xhieda tiegħu fost l-oħrajn huwa sostna li l-konvenuti marru joqogħdu fil-post ta' fuq id-dar tiegħu u cjoe fis-sular ta' fuqu.

   Isostni li sa mill-ewwel darba li ltaqgħu l-konvenuti laqgħuh b'dik li huwa sejjaħ bħala 'cold shoulder'.

   Wara ftit il-konvenuti bdew jagħmlu xi xogħlijiet. Kien hemm kumtrattur li talbu sabiex jipparkja l-van fid-drive-in tiegħu u x-xhud aċċetta.

   Għal xil-ħabta tal-11.30am, ix-xhud iddeċieda li jiċċaqlaq ftit mil-post tax-xogħol biex imur jittawwal id-dar tiegħu u kif wasal sab ħerba.

   Ix-xhud isostni li l-ħaddiema tal-kuntrattur bdew igaraw it-turbazz minn fuq għal isfel u cjoe minn ġol-gallarija għal ġol truck u mlew it-triq kollha u anke il-propjeta' kollha bil-biċċiet tal-ġebel u t-trab. Ix-xhud sostna li huwa waqqafhom milli jkomplu jaħdmu. Ix-xhud ippreżenta ritratt li ġie mmarkat DOK NS 1.

   Ix-xhud irraporta mal-pulizija u mal-ERA għax minkejja li kkuntattja lil konvenut Marcus Mercieca biex imur fuq il-post u l-konvenut Marcus Mercieca infurmah li kien se jmur fuq il-post huwa baqa ma marx. Mhux talli ma marx, talli x'ħin għadda l-ħin u l-konvenut Mercieca baqa' ma marx fuq il-post, ix-xhud ipprova jikkuntattjah diversi drabi oħra u l-konvenut lanqas biss beda jirrispondih.

Ix-xhud sostna li minn dakinhar il-quddiem, il-konvenuti baqgħu joħolqulu aktar inkonvenjent u ħsara. Daqqa jsibu t-trab, ġieli sabu l-wires tal-cable maqtugħin, anke ġieli sab il-ħaddiema qegħdin jaħdmu fis-shaft ħdejn it-tieqa tal-kamra tal-banju tiegħu mingħajr lanqas biss ikun infurmat.

Ix-xhud sostna li meta l-ħaddiema garaw il-materjal mil-gallarija għal isfel, hu u martu spiċċaw għamlu ġurnata u lejl sħiħ inaddfu. Sofra diversi ħsarat fis-shaft, titjir ta' siment fuq il-fittings u ġol-katusi. Kellu anke jbiddel il-fittings għax dawn issaddu u ġġamjaw bit-tajn. Kien hemm drabi fejn ġew imwaddba s-sigarretti għal ġo drain li jagħti għal bir tax-xhud u konsegwentament l-attur spiċċa bl-ilma tal-water reservoir ikkontaminat bis-sigarretti.

Fl-aħħar tas-sena tal-2019, il-ħaddiema saddewlhom it-toqob tal-ventilaturi u tal-exhaust tad-drier u b'hekk ikkaġunaw ħsara lit-tumble drier. Ix-xhud isostni li meta nqalgħet il-problema tat-tumble drier x'ħin ittawlu fix-shaft skoprew li l-pipe li kien jagħti għal barra biex is-sħana tad-drier toħroġ ġox-shaft kienet ġiet imblokkaka bil-karti u bis-siment. Konsegwentament l-element tad-drier spiċċa maħruq. Dakinhar ix-xhud osserva wkoll li l-ventilaturi tiegħu ġew magħluqa kollha.

Ix-xhud sostna wkoll li minħabba li l-konvenuti ma tawx każ tal-faċċata u ħallewha bil-fili miftuħin, daħal l-ilma fil-kmamar tas-sodda u l-istess kmamar spiċċaw b'ħafna moffa. Meta x-xhud inzerta lil konvenut Marcus Mercieca barra t-triq u nfurmah bis-sitwazzjoni, ir-risposta ta' Mercieca kienet li Spiteri qiegħed jivvinta.

Ix-xhud ippreżenta kopja tar-rapport tal-Perit Duncan Muscat, liema perit kien ġie inkarigat minnu sabiex jevalwa l-ħsarat sofferti minnu.

Il-konvenuti nkarigaw lil Perit Godwin P. Abela li kopja tar-rapport tiegħu giet preżentata wkoll.

Ix-xhud ippreżenta l-kont tal-Perit Duncan Muscat, diversi stimi u rċevuti u anke ritratti.

2. **L-affidavit tal-attriċi Denise Spiteri** fejn sostniet li hi flimkien ma żewġha ilhom għal diversi snin jirrisjedu fil-fond bin-numru 12 'Waves', Triq il-Barmil, Victoria Gardens, Ibrag, Swieqi SWQ2500 u qatt ma kellhom problemi mal-ġirien.

   Sa mill-ewwel ġurnata li l-konvenuti kienu marru joqogħdu fuqhom, l-atturi ma tantx sabu l-id tal-ħbiberija mingħand il-konvenuti. Minkejja dan l-atturi kemm il-darba ppruvaw jestendu l-id tal-ħbiberija, iżda kien kollu ta' xejn u d-diżgwid baqa' jippersisti.

   Fil-bidu tax-xogħlijiet, l-atturi saħansitra anke tawhom permezz sabiex jidħlu fil-propjeta' tagħhom biex ikunu jistgħu jagħmlu x-xogħlijiet mingħajr diffikultajiet, iżda meta rritornaw id-dar l-atturi sabu xena li ma kienux qegħdin jistennewha. Il-parapett u l-qsari kienu mimlija trab, ħmieġ u titjir tal-konkos.

   Il-Konvenuti qatt ma kkomunikaw mal-atturi u ħallew lill-atturi jiffaċjaw il-problemi kollha waħedhom.

   Fl-affidavit tagħha l-attriċi Denise Spiteri ssostni li għal diversi drabi huma kellhom jidħlu fi spiża sabiex isir it-tindif.

   Darba minnhom, l-attriċi waslet lura d-dar u xammet riħa ta' ħruq ġejja mill-kamra fejn hemm id-dryer . Il-ħwejjeġ li kienu ġo fiha kellhom riħa mhux tas-soltu. Ippruvat tixgħela iżda ma bdietx taħdem u bdiet tagħmel ħoss stramb. X'ħin ġibdet il-pipe, sabet li kien hemm xi gażżetti mdaħlin fil-pipe. Fetħet it-tieqa tas-shaft u indunat li t-toqba tal-ventilatur tad-dryer u ventilaturi oħra kienu miksija b'cement abjad frisk. Dawn kienu ġew imbarrati bic-cement mil-ħaddiema tal-konvenuti.

   Kien il-perjodu tax-xitwa u l-atturi ma setgħux joqogħdu mingħajr dryer. It-technician infurmahom li l-ħsara kienet irreparabbli u għalhekk kellhom jixtru waħda.

   Il-bir kellhom jiżvojtawh mill-ilma u jnaddfuh u daħlu fi spiża sabiex jirranġaw il-katusi sabiex jevitaw milli jerġa jimtela bil-ħmieġ.

L-atturi soffrew anki xi ħsarat fiż-żewġ't ikmamar minħabba umdita wara nuqqas ta' manutenzjoni fuq il-faċċata tal-propjeta' tal-konvenuti. L-atturi kemm il-darba ġibdulhom l-attenzjoni, iżda kien kollu ta' xejn. L-atturi qabbdu lil Perit Duncan Muscat fejn fir-rapport tiegħu kkonferma li l-ilma kien qed jidħol fil-kmamar tagħhom minħabba l-ħsara li kien hemm fil-faċċata tal-konvenut.

Fl-affidavit tagħha, l-attriċi Denise Spiteri preżentat dokument fejn indikat l-ispejjeż sofferti mill-atturi.

L-ammont ta' €236 inkluż il-VAT kienu spejjez peritali, l-ammont ta' €530 eskluż il-VAT jikkonsistu fi spejjeż ta' tindif, l-ammont ta' €50 eskluż il-VAT jammonta' għal ftuħ ta' gulley, l-ammont ta' €55 eskluż il-VAT sabiex jinfetħu l-ventilaturi fis-shaft, l-ammont ta' €385 eskluż l-VAT jikkonsisti f'tindif u xogħlijiet fil-water reservoir.

Dan kollu jammonta għal €1,203 inkluż il-VAT u dan skond id-dokument anness u mmarkat DOK C.

Fl-affidavit tagħha, l-attriċi Denise Spiteri sostniet li sabiex isiru x-xogħlijiet neċessarji tat-tank u l-ilma, l-ispejjeż jammontaw għal €331.58c u sabiex inxtrat it-tumble dryer l-atturi nefqu €750 (VAT inkluża)

Għalhekk fl-affidavit tagħha l-attriċi ssostni li d-danni sofferti jammontaw għal €2,521.

Fl-affidavit tagħha, l-attriċi annettiet ir-rapport tal-Perit Duncan Muscat, ir-rapport tal-Perit Godwin P. Abela, stimi u rċevuti.

3. **Jeffrey Xuereb** fix-xhieda tiegħu sostna li huwa turnkey contractor u lil l-atturi għamilhom xi xogħol fil-propjeta tagħhom.

Muri dokumenti a fol 77 u fol 78 huwa sostna li dawk huma l-quotations u l-irċevuta maħruga minnu għax-xogħol li huwa għamel.

Ix-xhud sostna li sab xi ventilaturi kienu magħluqin bir-ramel u cement, kien hemm xi ħsarat għax kien daħal xi ilma, waqa' xi tajn fuq il-canape, waqa' xi ħmieġ fil-bir u kellu jnaddaf xi gulleys għax imlewhom bit-tajn.

Ix-xhud ikkonferma li x-xogħol tat-tank ma sarx.

Illi sabiex jirribattu t-talba miġjuba fil-konfront tagħhom mill-atturi, il-konvenuti ressqu is-segwenti provi:

1. **L-Affidavit tal-konvenuta Carla Mercieca** fejn fih sostniet li hi u żewġha kienu għamlu tlettax il-sena jgħixu ġo blokk ta' appartamenti u qatt ma kellhom problemi mal-ġirien.

   Meta xtraw il-maisonette li jiġi fuq il-propjeta' tal-atturi, l-istat tal-post ma kienx tajjeb u kellhom isiru xi xogħlijiet.

   Qabel ma bdew x-xogħlijiet, żewġha kien mar jintroduċi lilu nnifsu mal-attriċi Denise Spiteri u nfurmaha li kien hemm ħafna xogħol xi jsir u li kienu se jaqilgħu xi trabijiet li iżda huma kienu lesti li jnaddfu u tagħha n-numru tal-mobile tiegħu.

   Issostni li l-attur Noel Spiteri kien ukoll tela' fid-dar tagħhom waqt li l-ħaddiema bdew jispezzjonaw ix-xogħlijiet li kien hemm bżonn li jsir u saħansitra l-konvenuti u s-Sur Spiteri kienu ħadu b'idejn xulxin.

   Is-Sur Spiteri kien infurmahom li meta l-post kien għand is-sid l-ieħor huwa kien daħallu xi ilma fl-ensuite.

   Meta l-ħaddiema tagħhom daħlu sellum fil-yard esterna biex għamlu xi xogħol ta' żebgħa hija dejjem niżlet u naddfet warajhom u kien hemm drabi fejn is-sinjura Spiteri insistiet li tnaddaf hi stess.

   Pero mbagħad l-affarijiet inbidlu. It-tgħajjir beda meta darba fost l-oħrajn l-atturi kienu ċemplu lil konvenuti li kien inqala xi trab fid-drive in u r-rampa tal-garage tagħhom. Il-

konvenuta Carla Mercieca ssostni li hija marret tnaddaf immedjatament u wara li lestiet waslet is-sinjura Spiteri fejn bdiet tgħajjat fit-triq li x-xogħol ma għogobhiex.

Filwaqt li Carla Mercieca skużat ruħha mas-sinjura Spiteri tat-trab li nqala hija nfurmata li jekk ma kinitx kuntenta bit-tindif tagħha hija setgħet tqabbad lil xi ħadd inadfilha a spejjez tal-konvenuti.

Fl-affidavit tagħha, l-konvenuta eżebiet messaġġ fejn fih hemm indikat li meta s-sinjura Spiteri infurmat li kienu ha jmorru xi cleaners biex inaddfu, l-konvenuta talbitha għal quotation, liema quotation baqgħet ma ngħatatilha.

Fl-affidavit tagħha l-konvenuta ssostni li meta l-atturi kellhom bżonn jidħlu fil-garage tagħhom sabiex ikunu jistgħu jagħmlu xi xogħlijiet, il-konvenuti huma kienu aċċettaw bil-kwiet.

Mhux l-istess jista jingħad għall-atturi fejn għadhom sa llum il-ġurnata mhux iħalluhom iqabbdu ħaddiema biex ikunu jistgħu ikaħħlu l-ħajt għaliex qed jippretendu li l-ħaddiema jaħdmu fuq planka.

Il-konvenuti saħansitra kellhom jagħmlu rapport mal-pulizija minħabba t-tgħajjir u kliem dispreġġattiv fil-konfront tagħhom mill-atturi.

Rigward l-allegat danni sofferti mill-atturi, fl-affidavit tagħha l-konvenuta Carla Mercieca ssostni li jekk l-atturi daħlu fi spiża biex inkarigaw perit, huma wkoll kellhom jinkarigaw perit.

Issostni li l-konvenuti minn dejjem xtaqu li jagħmlu l-manutenzjoni tal-faċċata imma l-atturi qatt ma tawhom l-awtoriżazzjoni sabiex il-ħaddiema jarmaw scaffolding minn ġol-propjeta' tagħhom biex isir ix-xogħol.

Rigward l-ispejjeż tad-dryer, il-konvenuta ssostni li kienet hi li nkarigat lil kuntrattur tagħhom sabiex jagħlaq it-toqob għax kien qiegħed jinstab xi wirdien. Bi żball il-kuntrattur għalaq toqba fil-ħajt li tagħti għal propjeta' tal-atturi. Dakinhar stess l-atturi kienu faqqgħu t-toqba.

L-ghada kienet marret l-għassa tal-pulizija għax kienu bagħtu għaliha u l-pulizija qatt ma semma' xi ħruq jew li kienet inħarqet it-tumble dryer. Sostniet li hija ma tafx f'liema kundizzjoni kienet tinsab fiha t-tumble dryer pero l-probabilta' li kienet qadima, sostniet ukoll li l-perit infurmahom li jekk kien hemm pajp tal-ventilatur dan missu nħareġ minn ġot-tieqa tas-shaft u mhux minn ġo toqba ġewwa shaft komuni u li ma kien hemm l-ebda rapport ta' technician li jindika u jikkonferma x'kien il-kaġun tal-ħsara tat-tumble dryer.

Rigward l-ispejjeż allegatament sofferti mill-atturi fil-water reservoir, l-konvenuta fl-affidavit tagħha sostniet li l-bejt tagħhom huwa f'kundizzjoni nadifa u jitnaddaf kull ġimgħa b'ilma nadif. Ma hemm xejn li jindika li kienu l-konvenuti li wettqu xi ħsarat u jew ħmieġ.

Rigward l-ispejjeż tat-tank, il-konvenuta ssostni li meta akkwistaw il-post, it-tank tal-ilma tas-sinjuri Spiteri kien mingħajr għatu, bl-ilma maħmuġ u imqiegħed direttament fuq is-saqaf tal-bejt tal-konvenuti. A spejjeż tal-konvenuti kienu għamlu lill-atturi tank ġdid bil-pajpijiet ġodda fuq travi.

Rigward il-fatturi oħra li jissemmew fil-kont datat 7 ta' Jannar 2020, l-konvenuta ssostni li f'Diċembru 2019, l-konvenuti kienu nkarigaw lill-kuntrattur tagħhom Jason Muscat jagħmlilhom xi xogħlijiet fuq il-bejt fosthom xogħlijiet ta' tikħil, żebgħa u membrane, kif ukoll għalaq it-toqob li kienu miftuħin fix-xaft.

Qabel ma beda x-xogħol fuq struzzjonijiet tagħom, il-kuntrattur informa lis-Sur Spiteri li kien ha jagħmel ix-xogħol fuq il-bejt u fis-shaft tagħhom u offrielu li jgħattilu l-affarijiet u wara li jitlesta x-xogħol imorru jnaddfulu. Is-Sur Spiteri m'aċċettax din l-offerta.

Il-konvenuta ssostni li ma saret l-ebda ħsara fil-plumbling u ladarba l-entratura għal ġox-shaft hija mill-propjeta' tagħhom, kif jista jkun li dawn ġew mibdula mingħajr ma l-konvenuti kienu nfurmati ?

Il-konvenuta fl-affidavit tagħha ssostni wkoll li mir-ritratti tal-pool u l-ġnien, annessi mal-affidavit huwa evidentament ċar li ma kienx hemm il-ħmieġ allegat u jekk waqa xi ħmieġ huma kienu lesti li jnaddfu.

Fl-affidavit tagħha l-konvenuta Carla Mercieca ssostni li huma lesti li jħallsu jekk kien hemm xi ħsara kkaġunata mill-ħaddiema imma l-ħsarat li l-atturi qegħdin jallegaw ġew ivvintati u huma infondati.

Il-konvenuta Carla Mercieca xehdet fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2022 fejn sostniet li l-atturi kienu biegħu d-dar tagħhom u r-relazzjoni mas-sid il-ġdid hija waħda tajba ħafna. Il-knvenuta sostniet li diġa waslu fi ftehim mas-sid il-ġdid sabiex ikunu jistgħu jarmaw scaffolding biex ikomplu bix-xogħlijiet.

2. **Jason Muscat** xehed li huwa jaħdem bħala bajjad u li kien ġie inkarigat sabiex jagħmel xi xogħlijiet fid-dar tal-konvenuti li tinsab f'ta' l-Ibraġ.

Ix-xhud ssostna li huwa kien għamel xi xogħol fuq l-apromorta tal-bejt u l-art tal-bejt.

Ix-xogħol inħadem bil-galbu u anke ġiet użata l-hoover sabiex tiġbor it-trab hija stess. Biex b'hekk ma jtirx it-trab kemm jista' jkun.

Ix-xhud sostna li lis-Sur Spiteri kien offrilu għal darba, darbtejn u saħansitra tlett darbiet sabiex jekk waqa' xi trab jew xi ħmieġ inaddfulu iżda is-Sur Spiteri nfurmah li ma kienx hemm għalfejn.

Ix-xhud insista li l-ebda ħmieġ u trab ma waqa' għand is-Sur Spiteri.

Muri ritratti a fol 106, a fol 107 u a fol 108, ix-xhud ikkonferma li kien hu li ħa dawk ir-ritratti. Huwa ħa dawn ir-ritratti bħala prova li ma kienx waqa' trab għand is-Sur Spiteri.

Ix-xhud ikkonferma li huwa ħadem fix-shaft fejn sar xi xogħol ta' tikħil u żebgħa. Ikkonferma wkoll li fejn kien hemm xi toqba huwa għalaqha minħabba l-ilma.

Ix-shaft huwa ħajt komuni.

In kontro-eżami x-xhud sostna li x-xogħlijiet għamilhom hu u huwa kien ikun dejjem preżenti meta kien qiegħed isir ix-xogħol.

Ix-xhud ikkonferma li huwa kaħħal u bajjad kull toqba jew qasma li sab fix-shaft għax li kieku ħallihom miftuħin kien jidħol l-ilma.

3. **L-Affidavit tal-Perit Godwin Abela** fejn iddikjara li dak kollu indikat fl-email tiegħu li huwa kien b+għat lil Dr Raymond Zammit fl-1 ta' Diċembru 2020 huwa veritier.

F'dak l-email, l-Perit Godwin Abela kien sostna li l-ispiża fl-ammont ta' €350 għaż-zebgħa tas-soqfa hija ġustifikata.

Dwar l-ispiża ta' €470 għal tindif hija prassi normali li wieħed jibgħat lil xi ħadd biex inaddaf. Jekk dan ma kienx possibbli minħabba l-intransiġenza tal-ġara, allura jrid jiġi ppruvat kemm kien hemm titjir u ħmieġ u wieħed joffri li jħallas parti mill-ispiża jekk l-ispiża hija waħda korretta.

Dwar l-€50, għal tindif tal-gulley dawk huma kollha ħmerijiet u dwar il €55 għal ventilatur tal-pipe tat-tumble dryer, fl-ewwel lok wieħed irid jara jekk verament kienx hemm ventilatur għax ma setax jittaqqab ventilatur f'ħajt komuni jekk mhux bil-permezz ta' kulħadd. Fit-tieni lok jekk kien hemm tieqa żgħira din kellha tintuża biex jinħareġ il-pipe minn hemm.

Rigward l-ispiża ta' €750 sabiex inxtrat tumble dryer skond il-perit din ma tagħmilx sens għax min jaf f'liema stat kienet tinsab din it-tumble dryer.

Rigward l-ispiża ta' €350, relatata mal-water reservoir u cjoe l-bir, il-perit isostni li l-bir dejjem jimtela mil-bjut sovraposti għal fondi. Jekk inħareġ permess biex isir bir allura dan irid jimtela mill-bjut. Min jgħix isfel m'għandu l-ebda dritt jisvija l-ilma tal-

bejt. Min għandu l-bejt huwa obbligat iżommu nadif biex ma jikkontaminax l-ilma fil-bir.

Rigward l-ispiża peritali, l-perit isostni li huwa ma jistax jikkummenta pero normalment kulħadd iħallas lil perit tiegħu sakemm il-ħaġa ma tiġix deċiża fil-Qorti.

Dwar il-kwistjoni tax-xogħol tal-fili esterni, jekk ma hemmx possibilta ta' scaffolding allura wieħed irid jirrikorri għal metodu tad-dendil.

**Ikkunsidra**

Illi it-Tribunal għandu quddiemu sitwazzjoni fejn l-atturi qegħdin jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jordna u jikkundanna lil konvenuti jħallsuhom l-ammont ta' elfejn, ħames mija u wieħed u għoxrin ewro (€2,521) rappreżentanti danni sofferti minhom u dana kawża tax-xogħlijiet li saru mill-konvenuti jew minn persuni mqabbda minnhom kif ukoll spejjeż oħra peritali inkorsi minnhom.

Illi in sostenn tat-talba tagħhom, l-attur Noel Spiteri fix-xhieda tiegħu u l-attriċi Denise Spiteri fl-affidavit tagħhom spjegaw fid-dettal u b'mod estensiv il-fatti ta' dan il-każ.

L-atturi esebixxew diversi dokumenti fosthom ritratti, rapport tal-perit Duncan Muscat, stimi, irċevuti fiskali u ressqu lil Jeffrey Xuereb bħala xhud sabiex jiġġustifikaw u jsostnu t-talba tagħhom.

It-Tribunal isostni li fir-risposta tal-konvenuti hemm xi eċċezzjonijiet li huma konfliġġjenti għal xulxin.

Dan qiegħed jingħad għaliex fost id-diversi eċċezzjonijiet tagħhom, l-konvenuti sostnew li huma dejjem insistew mal-atturi li huma kienu lesti li jħallsuhom tad-danni

li soffrew, sostnew li l-atturi esaġeraw fit-talba tagħhom u baqgħu qatt ma aċċettaw dak li jieħdu biss dak li tassew seta' kien dovut, sostnew li l-atturi vvintaw xogħlijiet li ma sarux jew li ma kienx hemm bżonnhom u għalhekk huma wkoll naqsu mill-obbligu tagħhom li jimminiżżaw id-danni kif ukoll sostnew li l-atturi ma ħallewx lill-ħaddiema tal-konvenuti jaħdmu biex jekk hemm kawżi ta' danni, dawn jitneħħew.

It-Tribunal jifhem li b'dawn l-eċċezzjonijiet, il-konvenuti jammettu li għalkemm huma responsabbli għal xi danni sofferti mill-atturi pero l-istess konvenuti ma humiex responsabbli għad-danni kollha indikati mill-atturi fit-talba tagħhom, kif ukoll li huma kienu qegħdin jikkontestaw il-kwantum ta' kull item imsemmija mill-atturi.

Pero imbagħad fl-istess risposta, il-konvenuti jsostnu li t-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ukoll li t-talbiet fil-konfront tal-konvenuti għandhom jiġu miċħuda;

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti jsostnu li huma ma għandhomx iħallsu danni li seta' twettaq minn ħaddiehor.

It-Tribunal jagħmel referenza għas-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 fl-ismijiet **Lawrence Formosa pro et noe vs Winex Holdings Ltd et**, fejn ingħad is-segwenti:

*"In tema legali jgi osservat li Winex bhala sid tal-fond u li kella l-pussess tal-istess, kellha l-obbligu li tassigura li bix-xogholijiet li kienu qed isiru fuq il-proprjeta` taghha, u fuq inkarigu taghha, ma ssirx hsara lill-proprjeta` ta' terzi, u f'kaz li jsiru danni, kif fil-fatt gara fil-kaz odjern, ghandha ggorr ir-responsabilita' taghha fir-rigward."*

It-Tribunal jagħmel referenza wkoll għal affidavit tal-konvenuta Carla Mercieca fejn hija sostniet li:

*"Aħna dejjem konnha u għadna lesti li nħallsu jekk kien hemm xi ħsara kkaġunata mill-ħaddiema..."*

Illi it-Tribunal sejjer jara l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u dan sabiex eventwalment jiġi determinat jekk permezz tal-provi mressqa mill-atturi, it-talbiet ta' l-istess atturi għandhomx jiġu milqugħa.

It-Tribunal isostni li f'każ li t-talbiet atturi jiġu milqugħa, l-konvenuti għandhom jinżammu responsabbli tad-danni sofferti mill-atturi.

**Ikkunsidra**

It-Tribunal isostni li fost id-danni li l-atturi qegħdin jallegaw li sofrew hemm it-tank tal-ilma. Mill-provi jirriżulta li ma saru l-ebda xogħlijiet fuq it-tank tal-ilma. Jirriżulta wkoll li l-atturi ttrasferixxew il-propjeta' tagħhom lil terzi. Għalhekk it-talba tagħhom fir-rigward tad-danni tat-tank tal-ilma ċertament li ma hijiex ġustifikata.

It-Tribunal josserva li l-atturi ħallsu l-ammont ta' mitejn u sitta u tletin ewro (€236) (a fol 7), lil Perit Duncan Muscat sabiex ħejja ir-rapport tad-danni sofferti minnhom, l-ammont ta' elf, mitejn u tlett ewro (€1,203) (a fol 78) sabiex sar it-tindif meħtieġ u x-xogħlijiet neċessarji mill-atturi minħabba l-ħsara li l-atturi jsostnu li ġarbu kaġun tax-xogħlijiet li saru mill-konvenuti u l-ammont seba' mija u ħamsin (€750) (a fol 79) rappreżentanti xiri ta' tumble dryer ġdida mill-atturi għaliex il-bajjad inkarigat mill-konvenuti sadd il-ventilatur tal-pipe tat-tumble dryer bil-konsegwenza li t-tumble dryer ġarbet ħsarat irreparabbli u kellha tinbidel.

A rigward it-tumble dryer, l-atturi jsostnu li fl-aħħar tas-sena tal-2019, il-ħaddiema inkarigati mill-konvenuti saddewlhom it-toqob tal-ventilaturi u tal-exhaust tad-dryer u b'hekk ikkaġunaw ħsara lit-tumble dryer. X'ħin ittawlu fix-shaft skoprew li l-pipe li

kien jagħti għal barra biex is-sħana tat-tumble dryer toħroġ ġox-shaft kienet ġiet imblokkata bil-karti u bis-siment. Konsegwentament l-element tad-drier spiċċa maħruq u l-ħsarat kienu rreparabbli u għalhekk kellhom jixtru tumble dryer ġdida.

L-atturi ppreżentaw l-irċevuta fiskali tat-tumble dryer li tammonta għal seba' mija u ħamsin ewro (€750).

Fl-affidavit tagħha l-konvenuta Carla Mercieca ssostni li kienet hi li nkarigat lil kuntrattur tagħhom sabiex jagħlaq it-toqob li kien hemm fis-shaft u dan għax kien qiegħed jinstab xi wirdien. Bi żball il-kuntrattur għalaq toqba fil-ħajt li tagħti għal propjeta' tal-atturi. Dakinhar stess l-atturi kienu faqqgħu t-toqba.

L-ghada kienet marret l-għassa tal-pulizija għax kienu bagħtu għaliha u l-pulizija qatt ma semma' xi ħruq jew li kienet inħarqet it-tumble dryer. Sostniet li hija ma tafx f'liema kundizzjoni kienet tinsab fiha t-tumble dryer pero l-probabilta' li kienet qadima, għax il-perit Godwin Abela infurmahom li jekk kien hemm pajp tal-ventilatur dan missu nħareġ minn ġot-tieqa tas-shaft u mhux minn ġo toqba ġewwa shaft komuni u li ma kien hemm l-ebda rapport ta' technician li jindika u jikkonferma x'kien il-kaġun tal-ħsara tat-tumble dryer.

Fl-affidavit tiegħu, l-Perit Godwin Abela jsostni li rigward l-ispiża ta' €750 sabiex inxtrat tumble dryer, din ma tagħmilx sens għax min jaf f'liema stat kienet tinsab din it-tumble dryer.

Isostni wkoll li għal ventilatur tal-pipe tat-tumble dryer, fl-ewwel lok wieħed irid jara jekk verament kienx hemm ventilatur għax ma setax jittaqqab ventilatur f'ħajt komuni jekk mhux bil-permezz ta' kulħadd. Fit-tieni lok jekk kien hemm tieqa żgħira din kellha tintuża biex jinħareġ il-pipe minn hemm.

It-Tribunal isostni li huwa jemmen il-verżjoni mogħtija mill-atturi u cioe li t-tumble dryer ġratilha ħsara irreparabbli minħabba li l-bajjad inkarigat mill-konvenuti fuq

struzzjonijiet tal-istess konvenuti għalaq it-toqob kollha li kien hemm fis-shaft inkluż il-ventilatur tal-pipe tat-tumble dryer.

Il-konvenuti qegħdin jargumentaw li jekk kien hemm xi ventilatur fis-shaft komuni dan kien qiegħed hemm illegalment. It-Tribunal isostni li dan l-argument ma jreġix għax anke jekk għas-saħħa tal-argument dak il-ventilatur sar llegalment jew mingħajr permezz, il-konvenuti ma kellhom l-ebda dritt li jieħdu l-liġi b'idejhom u jaqbdu u jagħlqu t-toqba tal-ventilatur. Se mai l-konvenuti kellhom jirrikorru għar-rimedji legali.

Min naħa l-oħra, t-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt li kif korrettament isostnu l-konvenuti, l-atturi ma ġabu l-ebda prova rigward l-istat li kienet fih it-tumble dryer fil-mument li ġratilha l-ħsara.

Pero bħala stat ta' fatt, kien x'kien l-istat tat-tumble dryer, l-atturi kienu għadhom qegħdin jinqdew u jużaw it-tumble dryer u dan sal-ġurnata li ġarbet il-ħsara rreparabbli minħabba li l-bajjad fuq struzzjonijiet tal-konvenuti għalaq it-toqba tal-ventilatur tat-tumble dryer.

It-Tribunal ħaseb fit-tul dwar jekk għandux jikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi l-ammont kollu tal-prezz tat-tumble dryer.

It-Tribunal jagħmel referenza għas-sentenza deċiża mil-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet **Paul Sultana vs Tonio Schembri pro et noe** fit-18 ta' Jannar 2012 fejn ingħad is-segwenti:

*"Illi hija f'dan il-kuntest li l-pendenza odjerna giet deciza, u ser tigi deciza, tenut kont tal-fatt li sond l-artikolu 7 tal-Kap 380 "It-Tribunal ghandu jaqta' kull talba u kontro talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita". Illi dan ifisser li l-principju ta' l-ekwita huwa bazilari fid-decizzjonijiet li ghandu jaghti l-istess Tribunal, u ghalhekk ghandu japplika l-istess u dan fuq kollox f'kull pendenza li jkun hemm quddiemu, b'dan*

*li ghandu jara, li kemm jista' jkun issir gustizzja bejn il-partijiet, u dan imur necessarjament lil hinn mill-kuncetti stretti tal-ligi, anke fejn dawn huma ta' interpretazzjoni stretta.*

*Illi f'dan il-kaz jidher car li l-appellant ma kienx la venditur u lanqas kompratur, u allura teknikament l-azzjoni ta' senserija u sic fil-konfront tieghu ma treggix. Izda la darba huwa accettat li per ekkwipolens treggi anke taht dan il-kuncett ta' senserija, l-azzjoni ta' kumpens ta' servigi resi, u dan fejn l-attur jirrizulta li jkun ghamel xoghol tali li l-intervent tieghu kien ikkontribwixxa izda mhux wassal sabiex jintlahaq ftehim bejn il-venditur u x-xerrej ghall-bejgh jew trasferiment tal-propjeta' mmobbli, mela allura taht dan il-kuncett ta' hlas ta' kumpens ghal servizzi resi, certament li l-azzjoni attrici treggi kontra l-appellat, iktar u iktar meta d-dettami tal-principji tal-ekwita' jigu applikati, (kif it-Tribunal kien tenut li jaghmel b'dispozizzjoni espresso tal-Ligi) ghall-kaz odjern."*

Illi t-Tribunal isostni li sabiex ikunu applikati d-dettami tal-prinċipju ta' ekwita' u ssir ġustizzja mal-partijiet kollha, ladarba l-atturi ma ressqu l-ebda prova rigward l-istat li kienet tinsab fih it-tumble dryer fil-mument li l-istess tumble dryer ġarbet ħsara rreparabbli, a rigward ta' din it-tumble dryer huwa se jkun qiegħed jikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi s-somma ta' tlett mija u ħamsa u sebgħin ewro (€375).

A rigward, l-ammont ta' elf, mitejn u tlett ewro (€1,203) imħallas lil A&S Construction Ltd sabiex sar it-tindif meħtieġ u x-xogħlijiet neċessarji mill-atturi minħabba l-ħsara li l-atturi jsostnu li ġarbu kaġun tax-xogħlijiet li saru mill-konvenuti, it-Tribunal isostni li l-quotation (a fol 77), annessa mal-affidavit ta' Denise Spiteri tindika x-xogħol u t-tindif kollu li eventwalment sar minn A&S Construction Ltd.

Fl-affidavit tagħha l-konvenuta Carla Mercieca ssostni li filwaqt li kienet hi li lis-sinjura Spiteri infurmata li jekk ma kinitx kuntenta bit-tindif tagħha hija setgħet tqabbad lil xi ħadd inadfilha a spejjez tal-konvenuti, madanakollu hija talbitha quotation tal-cleaners, liema quotation qatt ma ngħatatilha.

Rigward l-ispejjeż allegatament sofferti mill-atturi fil-water reservoir, l-konvenuta fl-affidavit tagħha sostniet li l-bejt tagħhom huwa f'kundizzjoni nadifa u jitnaddaf kull ġimgħa b'ilma nadif. Ma hemm xejn li jindika li kienu l-konvenuti li wettqu xi ħsarat u jew ħmieġ.

Rigward il-fatturi oħra li jissemmew fil-kont datat 7 ta' Jannar 2020, l-konvenuta ssostni li f'Diċembru 2019, l-konvenuti kienu nkarigaw lill-kuntrattur tagħhom Jason Muscat jagħmlilhom xi xogħlijiet fuq il-bejt fosthom xogħlijiet ta' tikħil, żebgħa u membrane, kif ukoll għalaq it-toqob li kienu miftuħin fix-xaft.

Qabel ma beda x-xogħol fuq struzzjonijiet tagħom, il-kuntrattur informa lis-Sur Spiteri li kien ha jagħmel ix-xogħol fuq il-bejt u fis-shaft tagħhom u offrielu li jgħattilu l-affarijiet u wara li jitlesta x-xogħol imorru jnaddfulu. Is-Sur Spiteri m'aċċettax din l-offerta.

Il-konvenuta fl-affidavit tagħha ssostni wkoll li mir-ritratti tal-pool u l-ġnien, annessi mal-affidavit huwa evidentament ċar li ma kienx hemm il-ħmieġ allegat u jekk waqa xi ħmieġ huma kienu lesti li jnaddfu.

Il-bajjad Jason Muscat xehed li huwa jaħdem bħala bajjad u li kien ġie inkarigat sabiex jagħmel xi xogħlijiet fid-dar tal-konvenuti li tinsab f'ta' l-Ibraġ.

Jason Muscat ssostna li x-xogħol inħadem bil-galbu u anke ġiet użata l-hoover sabiex tiġbor it-trab hija stess. Biex b'hekk ma jtirx it-trab kemm jista' jkun.

Ix-xhud sostna li lis-Sur Spiteri kien offrilu għal darba, darbtejn u saħansitra tlett darbiet sabiex jekk waqa' xi trab jew xi ħmieġ inaddfulu iżda is-Sur Spiteri nfurmah li ma kienx hemm għalfejn.

Ix-xhud insista li l-ebda ħmieġ u trab ma waqa' għand is-Sur Spiteri.

Muri ritratti a fol 106, a fol 107 u a fol 108, ix-xhud ikkonferma li kien hu li ħa dawk ir-ritratti. Huwa ħa dawn ir-ritratti bħala prova li ma kienx waqa' trab għand is-Sur Spiteri.

Fl-Affidavit tiegħu l-Perit Godwin Abela jsostni li dwar l-ispiża ta' €470 għal tindif hija prassi normali li wieħed jibgħat lil xi ħadd biex inaddaf.

Dwar l-€50, għal tindif tal-gulley dawk huma kollha ħmerijiet u dwar il €55 għal ventilatur tal-pipe tat-tumble dryer, fl-ewwel lok wieħed irid jara jekk verament kienx hemm ventilatur għax ma setax jittaqqab ventilatur f'ħajt komuni jekk mhux bil-permezz ta' kulħadd. Fit-tieni lok jekk kien hemm tieqa żgħira din kellha tintuża biex jinħareġ il-pipe minn hemm.

Rigward l-ispiża ta' €350, relatata mal-water reservoir u cjoe l-bir, il-perit isostni li l-bir dejjem jimtela mil-bjut sovraposti għal fondi. Jekk inħareġ permess biex isir bir allura dan irid jimtela mill-bjut. Min jgħix isfel m'għandu l-ebda dritt jisvija l-ilma tal-bejt. **Min għandu l-bejt huwa obbligat iżommu nadif biex ma jikkontaminax l-ilma fil-bir.**

It-Tribunal isostni li in sostenn tat-talba tagħhom, l-attur Noel Spiteri fix-xhieda tiegħu u l-attriċi Denise Spiteri fl-affidavit tagħha spjegaw fid-dettal u b'mod estensiv il-fatti ta' dan il-każ.

Jeffrey Xuereb fix-xhieda tiegħu sostna li huwa turnkey contractor u lil l-atturi għamilhom xi xogħol fil-propjeta tagħhom.

Muri dokumenti a fol 77 u fol 78 huwa sostna li dawk huma l-quotations u l-irċevuta maħruġa minnu għax-xogħol li huwa għamel.

Ix-xhud sostna li sab xi ventilaturi kienu magħluqin bir-ramel u cement, kien hemm xi ħsarat għax kien daħal xi ilma, waqa' xi tajn fuq il-canape, waqa' xi ħmieġ fil-bir u kellu jnaddaf xi gulleys għax imlewhom bit-tajn.

It-Tribunal josserva li ma nġiebet l-ebda prova mill-Konvenuti li fil-madwar apparti x-xogħlijiet tagħhom, kien qiegħed isir xi xogħol ieħor minn terzi u li dan l-istess xogħol ta' terzi seta' kien il-kaġun tal-ħmieġ li kellu jitnaddaf jew li kaġun tiegħu kellhom isiru t-tiswijiet tagħhom kif indikat fil-quotation ta' A&S Construction.

Fix-xhieda tiegħu Jeffrey Xuereb ikkonferma li huwa għamel ix-xogħlijiet (apparti t-tank) li kienu indikati fil-quotation u anke sar it-tindif kollu kif indikat fl-istess quotation.

Ikkonferma wkoll li għal dak it-tindif u x-xogħol indikat fil-quotation huwa tħallas mingħand l-atturi l-ammont ta' elf, mitejn u tlett ewro (€1,203).

Filwaqt li t-Tribunal qies il-kontenut tal-affidavit tal-Perit Godwin Abela, pero huwa fatt u l-atturi ressqu l-provi kollha meħtieġa sabiex ġie ppruvat li huma ħallsu lil kuntrattur is-somma ta' elf, mitejn u tlett ewro (€1,203) u dan għal tindif u sabiex tissewwa l-ħsara sofferta minnhom kaġun tax-xogħlijiet imwettqa mill-konvenuti.

Ghalhekk a rigward it-tindif u x-xogħlijiet li saru minn A&S Construction Ltd it-Tribunal se jkun qiegħed jikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu s-somma ta' elf, mitejn u tlett ewro (€1,203).

A rigward l-ispejjez peritali sofferti mill-atturi, t-Tribunal isostni li ladarba l-atturi kienu qegħdin isofru danni fil-propjeta' tagħhom, l-istess atturi ma kellhomx għażla oħra ħlief li jinkarigaw perit sabiex iħejji rapport rigward il-ħsarat sofferti mill-atturi ġewwa l-propjeta' tagħhom.

Għalhekk it-talba tal-atturi sabiex il-konvenuti jiġi kkundannati mit-Tribunal li jħallsuhom ukoll s-somma ta' mitejn u sitta u tletin ewro (€236) hija waħda ġustifikata u konsegwentament it-Tribunal se jkun qiegħed jikkundanna lil konvenuti sabiex iħallsu dawn l-ispejjez peritali wkoll.

Għaldaqstant, It-Tribunal se jkun qiegħed jikkundanna lil konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi s-somma ta' elf, tmien mija u erbatax il-ewro (€1814).

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi filwaqt illi jiċħad l-eċezzjonijiet kollha tal-konvenuti, jilqa in parte it-talba tal-atturi fis-sens illi:

1. Jikkundanna lill-konvenuti biex iħallsu lill-atturi s-somma ta' elf, tmien mija u erbatax il-ewro (€1814), bl-imgħax legali dekorribbli mil-11 ta' Novembru 2020 sad-data tal-ħlas effettiv u finali.

2. L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri jinqasmu in kwantu ghal 28% a karigu tal-atturi u 72% a karigu tal-konvenuti.

**Avv Dr Christopher Chircop**
**Ġudikatur**

**Rosanne Piscopo**
**Deputat Reġistratur**